# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## Decizjoni Preliminari Numru: 2658

**Kaz Numru: 3621/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Mario Camilleri (ID: 16097(G))**

**u**

**G4S Security Services Limited (C 23007), G4S Security Services (Malta) Limited (C 9860) u Malta International Airport plc (C 12663)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum 25 ta' Frar, 2020

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

It-Tribunal;

Ra r-rikors datat 26 ta' Frar, 2018, intavolat mir-rikorrent Mario Camilleri fejn talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeatajiet intimati jew min minnhom kienet wahda ngusta u joghgbu jaghti l-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 452, inkluz li r-rikorrent jerga' jidhol lura fl-impjieg tieghu u jordna lis-socjetajiet ntimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent kumpens gust.

It-Tribunal, in oltre, r-risposta tas-socjetajiet ntimati, ossia tal-Malta International Airport plc u tas-socjetaijiet G4S Security Services Ltd u kif ukoll G4S security Services (Malta) Ltd. Ir-risposta ta' Malta International Airport plc hija bbazata fuq l-eccezzjoni li s-socjeta` qatt ma kellha relazzjoni ta' mpjieg mar-rikorrent u ghaldaqstant ma hijiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Mill-banda l-ohra socjetajiet G4S Services Ltd u G4S Security Services (Malta) Ltd sostnew fid-dikjarazzjoni tal-kaz li fic-cirkostanzi qatt ma kien hemm tkeccija ngusta u dan peress li r-rikorrent ma kienx accetta id-*deployment* li kien offrut lilu, u in kwantu ghal G4SM gie ddikjarat li ma kienx hemm temmm ta' mpjieg tar-rikorrent u ghalhekk dan ma kienx sostenibbli.

L-avukati Dottoressa Abigail Critien u Dottoressa Anthea Witney Turner irrapprezentaw lir-rikorrent, Mario Camilleri, mentri l-avukat Dottor Ron Galea Cavallazzi kien qieghed jirraprezenta

lill-Malta International Airport plc, u l-avukat Dottor Andrew Borg liz-zewg socjetatijiet intimati, G4S Security Services Limited u G4S Security Sevices Malta Limited.

It-Tribunal ra ukoll il-lista tax-xhieda tal-partijiet kontendenti f'din il-kwistjoni ta' xoghol.

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell datata 5 ta' Lulju 2019, moghtija mill-Onorevoli Mhallef, Dr. Joanne Vella Cuschieri B.A. Mag Jur. (EUR LAW), LL.D, fejn din l-Onorabbli Qorti rinvijat il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali u dan wara li d-Digriet moghti mit-Tribunal Industrijali fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2019, diversement ippresedut, kien meqjus li esprima ruhu oltre dak mitlub minnu fid-Digriet. Illi l-imsemmi Digriet kellu jiddeciedi dwar l-eccezzjoni jekk is-socjeta` Malta International Airport plc kinitx il-legittimu kontradittur, ossia jekk kellux jigi kkunsidrat bhala principal jew le. Cio nonostante, it-Tribunal esprima ruhu fejn qal li ma ghandux kompetenza u waqqaf il-kaz hesrem.

Illi ghalhekk quddiem dan it-Tribunal inzammet seduta fit-8 t'Ottubru 2019 u l-partijiet qablu li l-Malta International Airport plc tressaq il-provi dwar l-eccezzjoni preliminari u ssir it-trattazzajoni preliminari dwar l-eccezzjoni preliminari ssollevata mis-socjeta` ntimata Malta International Airport plc.

Illi sussegwentment fis-seduta tal-10 ta' Dicemebru 2019 xehdet Tina Lombardi responsabbli mill-*Human Resources* tal-Malta International Airport plc fejn spjegat li kien sar kuntratt bejn il-Malta International Airport plc u G4S ta' provvediment ta' servizzi fejn is-socjeta` G4S kienet tipprovdi *temporary agency workers* sabiex jikkumplimentaw il-haddiema tat-tifi tan-nar (*fire fighters*) gewwa l-ajruport. Ix-xhud sostniet li s-servizzi tat-tifi tan-nar dejjem kien responsabillita` tal-MIA. Dan kien ifisser li s-socjeta` G4S qatt ma kienet responsabbli mit-tifi tan-nar (*fire fighting*) izda kienet biss tipprovdi servizzi ta' haddiema fuq bazi temporanja (*temporary agency workers*) sabiex jinghaqdu ma' dawk tal-MIA.

Ix-xhud qalet li l-MIA kienu talbu lil G4S sabiex jissostittwixxu lir-rikorrent Mario Camilleri ma' haddiem iehor, u dan peress li ma kienux sodisfatti bix-xoghol tieghu. Ix-xhud sahqet li ma kienx l-ewwel darba li ghamlu hekk peress li dan kien isir skont il-termini tal-kuntratt stante li l-kuntratt bejniethom kien jistipula dan kollu.

Ix-xhud Tina Lombardi spjegat li l-MIA kien iddecieda li ma jkomplux juzaw is-servizzi tal-G4S ghal dak li kien jikkoncerna t-tifi tan-nar (*Fire Fighting*) u billi kien gie deciz li jigu mpjegati aktar haddiema mall-MIA ghat-tifi tan-nar u jigu eliminati l-haddiema temporanji. Il-kuntratt bejn l-MIA u G4s kien skada f'Dicembru 2017.

Ix-xhud kompliet tixhed billi sostniet li ftit wara kienet saret sejha ta' ngagg ta' haddiema fil-sezzjoni tat-tifi tan-nar u kienu ntghazlu tlett haddiema li kienu mpjegati ma' G4S. Dawn il-haddiema li kienu mpjegati ma' G4S kienu applikaw ghal din is-sejha ta' ngagg u wara li ghamlu l-intervista u sussegwentment kienu ghaddew minn din l-intervista. Dan kollu sar wara li skada l-kuntratt li kien hemm bejn l-MIA u G4S. Dawn il-haddiema kienu nghataw kuntratt definit ta' sena li kien suggett ghall-perjodu ta' *probation*.

In kontro-ezami l-istess, Tina Lombardi wiegbet ghad-domandi tal-konsulenta legali tar-rikorrent, fejn qalet li l-haddiema li kienu l-kollegi tar-rikorrent, ossia lkoll haddiema ma' G4S, kienu gew impjegati mall-MIA, ad eskluzjoni tal-istess rikorrent. Ix-xhud sostniet li f'Dicembru 2017 ir-rikorrent ma kienx jaghmel parti minn dawn il-haddiema peress li ma kienx gie *deployed*.

Ix-xhud irrimarkat li r-rikorrent kellu problema li ma kienx daqshekk biezel u kif ukoll problemi ta' *teamwork*. Mill-aspett akademiku r-rikorrent ma kellux problemi u dan peress li kien ikkwalifikat u kellu diversi certifikati u kif ukoll kien ghamel xi korsijiet barra minn Malta dwar it-tifi tan-nar (*fire fighting*). Ix-xhud Lombardi sostniet li r-rikorrent kien tnehha fix-xahar ta' Ottubru.

**Trattazzjoni**

L-avukat Ron Galea Cavallazzi ghas-socjeta` ntimata Malta International Airport plc beda t-trattazzjoni tieghu billi rrimarka li r-realzzjoni bejn Malta International Airport u G4S kienet wahda fejn kumpanija kienet qieghda tuza s-servizzi ghall-haddiema temporanji (*temporary agency workers*) u kumpanija ohra li kienet qieghda tipprovdi dawn il-haddiema temporanji. Ir-rapprezentant legali tal-MIA sostna li l-istess MIA dejjem baqghet responsabbli hi li tipprovdi s-servizzi ghat-tifi tan-nar gewwa l-ajruport.

Dwar jekk kienx hemm trasferiment ta' negozju l-avukat tas-socjeta` ntimata sostna li l-principju kardinali huwa li n-negozju jzomm identita` tieghu. F'dan il-kaz partikolari l-MIA hadet dawn il-haddiema minghand il-G4S mhux bil-kundizzjonjiet li kellhom mall-istess G4S izda hadithom biex jigu uzati mill-MIA u mhux biex jinghataw lil xi hadd iehor taht id-direzzjoni u l-kontroll ta' terz. Dottor Galea Cavallazzi sostna li ghalhekk l-argument huwa li l-identita` tan-negozju, jekk kien hemm trasferiment ta' negozju, ma nzammitx. L-istess jinghad ghall-fatt li ma kienx hemm bidla fil-provvediment tas-servizz u dan ghaliex hemm tlett istanti li huma ezawrjenti (*exhaustive*) fil-ligi fil-bdil tal-provvediment tas-servizzi u li huma, *insourcing*, *outsourcing*, u l-bidla fil-kuntrattur (*change of contractor*).

Ir-rapprezentant legali tal-Malta International Airport plc sostna li l-kuntrattur tal-agenzija tal-haddiema temporanji (*temporary worker agency)* ma kienx inbidel, u ghalhekk ma kienx hemm *outsourcing* u dan peress li l-kontroll tas-servizz dejjem inzamm mill-MIA. Bhala *insourcing* ma kienx hemm lanqas u dan peress li ma kienx hemm *outsourcing*.

In oltre, l-haddiema li gew impjegati mill-MIA, u li qabel kienu mpjegati ma' G4S, kienu nghataw kuntratt definit gdid u kif ukoll kellhom perjodu ta' *probation*. L-avukat Galea Cavallazzi sahaq li dawk l-impjegati li jkollhom dritt li jghaddi minn trasferiment ta' negozju huma dawk l-impjegati li jkunu mpjegati fiz-zmien li jkun qieghed isehh dan it-trasferiment ta' negozju. Il-kuntratt tal-MIA ma' G4S kien skada fil-31 ta'Dicembru, 2017, u l-impjegati gew impjegati ma' G4S fl-1 ta' Jannar, 2018, mall-MIA.

In oltre, kompla r-rapprezentant legali tal-MIA, r-rikorrent Mario Camilleri kien tnehha mill-ajruport f'Ottubru 2017 u ghas-sahha tal-argument li kieku sar trasferiment ta' negozju, l-istess rikorrent kellu jindirrizza t-tkeccija tieghu lil min itterminalu l-impjieg tieghu u mhux min kien akkwista n-negozju, izda dan ma kienx il-kaz peress li ma qatt ma sar trasferiment ta' negozju.

A bazi ta' hekk is-socjeta` Malta International Limted plc ma kellha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent u ghalhekk ghandha titqies li mhijiex il-legittimu kontradittur.

Mill-banda l-ohra t-trattazzjoni tar-rapprezentanta legali tar-rikorrent, Dottoressa Anthea Witney Turner bdiet billi ghamlet referenza ghal dak li kienet xehdet dakinhar stess Ms. Tina Lomabdri u cioe` li r-rikorrent kien twaqqaf minn G4S fuq struzzjonijiet tal-MIA. In oltre kompliet titratta billi sostniet li persuna jiftah kawza kontra ma' min wiehed ikollu pretensjoni. F'dan il-kaz peress li r-

rikorrent kien twaqqaf minn G4S u hemm riskju li G4S targumenta li r-rikorrent twaqqaf ghax hekk riedet l-MIA, l-MIA ghandha tibqa' sal-ahhar f'din il-kwistjoni ta' xoghol.

Saret ukoll referenza ghall-awturi Taljani fuqn il-materja in kwistjoni, fosthom Mortara u kkwotat bran minn ta' dan l-awtur. Dan il-bran tal-imsemmi awtur jghid li l-kapacita` processwali trid tigi kkunsidrata taht zewg aspetti, bhala kapacita` kif tagixxi jew kif toqghod fil-gudizzju. L-espressjoni l-kapacita` li tagixxi ghal gudizzju sservi li tindika l-attitudni guridika ta' suggett li jkun parti fil-gudizzju. Is-socjeta` MIA zammet taht il-kontroll taghha s-sezzjoni tat-tifi tan-nar. Il-kuntratt li kien sar kien li G4S tipprovdi n-nies lill-MIA. Ir-rapprezentanta legali ssottometiet li huwa rrilevanti jekk kienx hemm trasferiment ta' negozju jew le, izda jekk it-tkeccija tar-rikorrent kinitx responsabbli ghalija l-MIA. In oltre, ssir ukoll referenza ghad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2001/23/KE dwar it-Trasferimenti ta' Negozji, tat-12 ta' Marzu 2001, u li l-ligi ta' Malta mxiet fuqha.

Dottoressa Witney Turner sostniet li ghalkemm il-principal tar-rikorrent dejjem baqghet G4S kif irrizulta mill-provi, cio nonostante dejjem kienet l-MIA li ddirregiet lil G4S u kellha l-kontroll fuq l-impjieg tar-rikorrent Camilleri. Ghalhekk ghal din ir-raguni l-MIA ghandha tibqa' fil-kawza u dan biex jigi salvagwardjat id-dritt tar-rikorrent kif trid il-ligi. In sabiex jinghata stampa cara ghall-integrita` tal-gudizzju l-MIA ghandha tinzamm fil-kawza ssottometiet ir-rapprezentanta legali tar-rikorrent.

L-avukat Galea Cavallazzi ghas-socjeta` Malta International Airport Limited plc irribatta billi ghamel referenza ghall-kuntratt li hemm bejn l-intimati f'din il-kwistjoni ta' xoghol u rrileva li dan hu kuntratt ta' '*secondment agreement for temporary workers agency contract*'. In oltre saret referenza ghal dan il-kuntratt li huwa esebit mar-risposta ulterjuri. In oltre, ssir referenza ghal klawsola sitta (6) ta' dawn ir-regolamenti li tghid li f'kaz li jkun hemm htiega ta' mpjieg l-klijent ghandu joffri dak l-impjieg lil dik il-persuna li tkun haddiem temporanju permezz ta' agenzija. Dan hu differenti ghal dak li jsir fi trasferiment ta' negozju u dan peress li l-haddiem ma tassumihx jew ikompli x-xoghol bil-bidla ta' min ihaddmu (*change of employer*).

Dottor Galea Cavallazzi ssottometta li l-MIA qdiet l-obbligi taghha meta offriet impjieg lill-haddiema li kienu ma' G4S u dan meta kien hemm id-disponibbilita` ta' dan l-impjieg. In oltre, l-kuntratt kien skada ma' G4S u min gie mpjegat kien gie impjegat wara l-iskadenza tal-imsemmi kuntratt.

**Konsiderazzijiet tat-Tribunal Industrijali: -**

Illi f'dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi l-eccezzjoni preliminari jekk is-Socjeta` Malta International Airport plc hijiex il-legittimu kontradittur u dan wara li din il-kwistjoni giet irrinvijata ghand dan it-Tribual mill-Qorti tal-Appell wara decizjoni datata 5 ta' Lulju 2019.

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li r-rikorrent minn dejjem kien impjegat ta' G4S Security Services Limited. Dan irrizulta mid-dokumenti tal-Jobs Plus, mill-payslips u dokumenti tas-Sigurta` Socjali ipprezentati mill-istess mill-ufficjali tal-Jobs plus, tat-Taxxi Nterni, u tas-Sigurta` Socjali.

In oltre, t-Tribunal ra r-risposta ulterjuri ta' Malta International Airport plc u kif ukoll il-ftehim bejn Malta International Airport plc datat l-1 ta' Jannar 2014 u G4S Services (Malta) Limted u li kien validu ghal erba' snin. Illi dan il-ftehim bejn iz-zewg socjetajiet intimati kien jinvolvi li l-Kuntrattur (G4S Services (Malta) Limited jipprovdi servizz lill-kumpanija (Malta International

Airport) tal-impjegati tieghu sabiex ikunu stazzjonati gewwa l-ajruport fis-sezzjoni tal-*Fire and Rescue Services.*

Il-kundizzjonjiet ta' dan il-ftehim dwar il-haddiema tal-kuntrattur, ossia meta dawn ghandhom jitnehhew, huma stipulati fi klawsola 4.1 li tistipula s-segwenti:-

> 4.1 Any Contractor Employees which are deployed at the Airport may only be so deployed after having been previously approved by the Company. In any case the Contractor acknowledges and accepts that the Company shall have the right, at all times, to request the Contractor to replace or redeploy any Contarctor Employees and/or any person representing the Contractor at the Airport. Any request for redeployment on the part of the Company shall be accompanied by the motivation for such request.

In oltre, dwar is-supervizjoni l-istess ftehim jistipula li dan ghandu jkun dejjem tul id-durata tal-ftehim taht il-kumpanija, ossia MIA. Il-kumpanija in oltre, irriservat id-dritt li titlob li haddiem tal-kuntrattur itejjeb is-servizz tieghu jew li jigi sostitwit mill-kuntrattur u dan minhabba servizz li ma jkunx lahaq il-livell mehtieg. Klawsoli 6.1 u 6.2 jistipulaw is-segwenti:-

> 6.1 The Company shall carry out full supervision of the Contractor Employees throughout the time that the same Contractor Employees are deployed at the Airport.
>
> 6.2 The Company reserves the right to demand improvement or replacement of any Services provided by the Contractor if in its opinion the Service is below the required standard.

Illi minn dan il-ftehim u kif ukoll min dawn il-klawsoli johrog car li Malta International Airport u G4S Services (Malta) Limited ghamlu ftehim specifikament sabiex G4S tipprovdi l-haddiema taghha lill-MIA u li dawn ikunu stazzjonati gewwa l-ajruport fis-sezzjoni tat-tifi tan-nar. L-istess partijiet qablu dwar il-kundizzjonjiet ta' bejniethom u li strettament kien jinvolvi lilhom biss.

L-eccezzjoni sollevata f'dan l-istadju dwar jekk il-Malta International Airport huwiex legittimu kontradittur tirrivolvi propju ma' dan il-ftehim li sar fl-1 ta' Jannar 2014. Il-ligi taghna permezz tal-Legislazzjoni Sussisdjarja 452.106, Regolamenti dwar Haddiema Temporanji Permezz ta' Agenzija, u li l-iskop taghha hu li tigi mplimentata d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u Kunsill 2008/104/KE.

Illi mill-provi prodotti f'dan l-istadju juru bl-aktar mod car li s-socjeta` Malta International Airport plc qatt ma kienet il-principal tar-rikorrent u dan kif gie ukoll ammess mill-istess rapprezentanta tar-rikorrent.

Il-punt in kontestazzjoni f'din il-vicenda kollha huwa jekk is-socjeta` Malta International Airport ghandhiex tibqa' f' din il-kwistjoni ta' xoghol jew le, u dan peress li kien bl-agir taghha li r-rikorrent tnehha mill-ajruport.

Illi artikolu 2 tal-Legisliazzjoni Sussidjarja 452.106, fejn hemm it-tifsir tal-kliem, u ghal dik li hi ‘agenzija ta’ xoghol temporanju’, nsibu t-tifsira segwenti:-

> "agenzija ta’ xoghol temporanju" tfisser kull persuna fizika jew guridika li tikkonkludi kuntratti ta’ impjieg jew relazzjonijiet ta’ impjieg ma’ haddiema temporanji permezz ta’ agenzija u li tassenja, kemm fuq bazi regolari u fuq bazi irregolari, il-haddiema temporanji permezz ta’ agenzija lil imprizi utenti biex jahdmu hemm temporanjament taht is-supervizjoni u d-direzzjoni taghhom, kemm jekk dik l-attività hija l-attività principali jew attività incidentali tal-agenzija ta’ xoghol temporanju;

Illi din it-tifsira hija cara bizejjed u li minnha jirrizulta l-iskop ta’ dawn ir-regolamenti. Il-legislatur Malti addotta dawn ir-regolamenti mid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill 2008/104/KE u dan sabiex ikunu jistghu jsiru dawn it-tip ta’ kuntratti ta’ mpjiegi jew relazzjonijiet ta’ mpjieg ma’ haddiema temporanji permezz ta’ agenzija.

Jirrizulta ukoll li l-MIA f’dak il-perjodu hasset il-htiega li tidhol ghal dak it-tip ta’ kuntratt ma’ G4S, liema kuntratt kien validu ghal erba’ snin.

In oltre t-tifsira ta’ haddiem f’din il-Legislazzjoni Sussidjaraja tfisser:-

> "haddiem temporanju permezz ta’ agenzija" tfisser haddiem li ikkonkluda kuntratt ta’ impjieg jew relazzjoni ta’ impjieg ma’ agenzija ta’ xoghol temporanju u li jigi assenjat, kemm fuq bazi regolari u fuq bazi irregolari, ghal ma’ impriza utenti biex jahdem temporanjament taht is-supervizjoni u d-direzzjoni taghha;

Illi ghalkemm f’din it-tifsira hemm stipulat li haddiem ikun taht is-supervizjoni u d-direzzjoni tal-impriza utenti, dak il-haddiem qatt ma kellu relazzjoni ta’ mpjieg diretta ma’ dik l-impriza utenti u dan ghaliex hu kien haddiem temporanju permezz ta’ agenzija. Fil-kwistjoni odjerna l-impriza utenti hija l-MIA u l-agenzija hija l-G4S. Ir-rikorrent kellu relazzjoni ta’ mpjieg mal-agenzija (G4S) u mhux mal-impriza utenti (MIA). L-impriza utenti (MIA) u l-agenzija (G4S) ghamlu ftehim li permezz tieghu qablu fuq il-kundizzjonjiet ta’ bejniethom, ossia li jigi pprovdut servizz ta’ haddiema mill-agenzija lill-impriza utenti, liema haddiema tal-agenzija (G4S) kienu taht is-supervizjoni u d-direzzjoni ta’ dik l-impriza utenti (MIA).

Illi fost dawn il-kundizzjonjijet hemm dik msemmija *supra*, ossia artikolu 4.1 tal-ftehim bejn iz-zewg socjetajiet intimati, fejn gie maqbul bejniethom li l-MIA ghandha d-dritt li titlob lill-kuntrattur (G4S) li jissostitwixxi haddiema pprovduti mill-kuntrattur sabiex jigi allokati fl-ajruport, fis-sezzjoni tat-tifi tan-nar, kif fil-fatt gara fil-kaz in dezamina.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi, in via preliminari, dwar l-eccezzjoni mressqa mis-socjeta` Malta International Airport plc, li stante li ma hemm l-ebda relazzjoni diretta ta' mpjieg bejn ir-rikorrent u l-istess socjeta` Malta International Airport.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lis-socjeta` Malta International Airport plc, ghar-ragunijet hawn moghtija f'din id-decizjoni preliminari u dan stante li mhijiex il-legittimu kuntradittur.

Ghalhekk it-Tribunal jordna l-prosegwiment tas-smiegh ta' din il-kwistjoni ta' xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**